MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 1999

Citazzjoni Numru. 39/1996/1

Ganni Attard

Vs.

Victor Attard; Michael Attard; Josephine Buttigieg; Carmela Zammit; Beatrice Gatt; Maria Debrincat, Carmela Mizzi, Frances Buttigieg .

Il-Qorti,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

illi permezz ta' citazzjoni pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Awissu 1993, Citazzjoni Numru 113/93 (MM) fl-ismijiet "Victor Attard et -vs- Ganni Attard", il-konvenuti (atturi f'dik il-kawza) talbu li jigi likwidat u diviz l-assi ereditarju tal-mejtin Benigno u Maria konjugi Attard u jigu assenjati porzjonijiet rispettivi skond l-ishma li ghandhom il-kontendenti .

li fil-mori tal-istess kawza gie nominat perit tekniku l-AIC Godfrey Vella Baldacchino li ghamel access fil-21 ta' Frar 1994 fl-4.00p.m. u minghajr ma ghamel ebda seduti pprezenta u halef ir-rapport tieghu fit-23 ta' Gunju, 1995 u f'dik is-seduta l-istess kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru, 1995 . Fis-seduta tat-23 ta' Gunju, 1995 l-attur (konvenut f'dik il-kawza) u l-legali tieghu kienux prezenti u lanqas kellhom kopja tar-relazzjoni peritali .

Illi fis-27 ta' Ottubru, 1995 din l-Onorabbli Qorti ppronunzjat is-sentenza fil-kawza msemmija, billi ddikjarat li l-assi provenjenti mill-wirt tal-konjugi Benigno u Maria Attard li setghu jingiebu ghall-qasma bejn il-kontendenti jikkonsistu unikament fil-fond li jgib in-numru 38, u bieb iehor bla numru fi Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex, bil-gardina mieghu tal-kejl ta' cirka 450 metri kwadru stmat l-intier li jiswa LM28,000 u dan minghajr ma saret il-prova dwar il-konsistenza tal-assi ereditarju fuq imsemmi ghaliex la l-perit tekniku ma zamm seduti u sema' provi dwar dan u lanqas din l-Onorabbli Qorti fil-kaz tal-kawza .

Li bl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Ottubru, 1995 l-attur (konvenut f'dik il-kawza) gie ordnat ihallas lill-kontendenti l-ohra sehemhom mis-somma fuq imsemmija u dan minghajr ma ttiehed kont tal-fatt li mhux il-fond intier kien in divizjoni u jappartjeni ghall-assi ereditarju fuq imsemmi, izda hemm ishma ohrajn, appartenenti ghaz-zijiet tal-kontendenti ahwa Attard u cioe' Giuseppa mart Duminku Attard u Karmnu Xuereb li kellhom jigu eskluzi minn dik l-istima, liema ishma wkoll issemmew fit-testment tal-konjugi Attard, esebit bhala Dokument "D" fl-atti tal-imsemmija kawza .

Li l-imsemmija sentenza, bazata naturalment fuq ir-rapport u stima peritali ma tiehux kont tal-benefikati eretti mill-attur fil-fond fuq imsemmi liema benefikati gew rikonoxxuti mit-testaturi Benigno u Maria konjugi Attard fit-testment taghhom in atti Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tat-28 ta' Novembru, 1979, esebit bhala Dok "D" mal-atti tal-kawza fuq imsemmija .

Illi ghalhekk l-imsemmija sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Ottubru, 1995 hija ottenuta bi frodi fil-konfront tal-attur (konvenut f'dik il-kawza) a tenur tal-artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li l-istess atturi kienu jafu li mhux l-intier tal-fond kien jappartjeni ghall-kontendenti u taw struzzjonijiet lill-perit tekniku u baqghu mexjin bil-procedura bhallikieku l-fond fuq imsemmi kien jappartjeni lill-assi ereditarju tal-mejtin Benigno u Marija konjugi Attard, bhalma kienu jafu wkoll li mill-eventwali stima kellu dejjem jitnaqqas il-benefikat erett mill-attur, xi haga li ma gabuhiex a konjizzjoni tal-perit tekniku u baqghu jagixxu frawdevolment anke wara li gew prezentati l-istima u r-relazzjoni peritali .

Ukoll illi l-imsemmija sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995, fiha applikazzjoni hazina tal-ligi a tenur tal-artikolu 811(e) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li l-istess sentenza ma tiehux in konsiderazzjoni kwoti li kellhom jitnaqqsu mill-istima peritali kif fuq inghad u lanqas il-benefikati eretti mill-attur .

Illi l-imsemmija sentenza hija wkoll effett ta' zball li jirrizulta mill-proceduri a tenur tal-artikolu 811 (1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li jitqies li kemm dak l-izball, jekk id-decizjoni hija bbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita'tieghu tkun bla ebda dubju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fond ma jkunx punt ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza . Is-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 1995 fuq imsemmija nghatat minghajr ma tressqu l-provi dwar il-konsistenza tal-assi ereditarju tal-konjugi Benigno u Marija Attard, gew inkluzi ishma fil-fond numru 38 u bieb iehor bla numru fi Triq Sant Indrija li ma jappartjenux lill-assi ereditarju u ma gewx mehudin in konsiderazzjoni l-benefikati eretti mill-attur .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza taghha moghtija fil-gudizzju fl-ismijiet "Victor Attard et -vs- Ganni Attard" Citazzjoni numru 113/93 fis-27 ta' Ottubru, 1995 ghar-ragunijiet fuq imsemmija .

2. Tordna s-smiegh mill-gdid tal-istess kawza .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atttur minnu debitament mahlufa .

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

illi

1.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament guramentata minn Beatrice Gatt .

Rat il-verbal taghha tal-24 ta' Mejju 1996 fejn gie dikjarat illi din il-kawza miexja ma' ohra fl-istess ismijiet, (cit. 38/1996) pendenti wkoll quddiem din il-Qorti kif ippreseduta .

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet : "Victor Attard vs. Ganni Attard", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1995, liema atti gew allegati mal-process tal-kawza : "Ganni Attard vs. Victor Attard et." (Cit. 38/96) fejn ingabru l-provi rilevanti wkoll ghall-kawza presenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u id-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob ir-ritrattazzjoni ta’ kawza ghad-divizjoni li hutu l-konvenuti odjerni kienu ntavolaw kontra tieghu . Din il-kawza fl-ismijiet : “Victor Attard et. vs. Ganni Attard” (cit. 113/93) kienet giet deciza permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fis-27 ta’ Ottubru 1995 u b’effett taghha l-attur odjern, li lilu kien thalla l-uniku fond fl-assi tal-genituri tal-kontendenti bhala legat akkont ta’ sehmu, kellu jigi immess fil-pussess ta’ l-istess fond, b’dana li jhallas somma stabilita lill-kondividenti l-ohra . Minn dik is-sentenza ma kien hemm ebda appell .

L-attur allura jippretendi illi dik is-sentenza ghandha tigi annullata u l-kawza tinstema mill-gdid, ghaliex f’dik is-sentenza l-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni zewg cirkostanzi importanti, u cioe’ illi kien hemm xi ishma mill-proprjeta’ indikata li ma kienux tal-genituri tal-kontendenti u li l-attur prezenti kien ghamel benefikati fl-istess fond li ma gewx ikkalkolati mill-perit tekniku f’dik il-kawza sabiex seta’ jasal ghall-valutazzjoni li kien ghamel . Huwa ghalhekk jikkontendi li jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex a tenur ta’ l-artikolu 811 tal-Kap. 12, din il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni ta’ dik il-kawza .

Il-konvenuti permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom jikkontendu illi meta giet istitwita l-kawza prezenti kien ghalaq iz-zmien tat-tliet xhur stabiliti bl-artikolu 818 tal-Kap. 12 u ghalhekk ma setghetx issir din il-kawza . Din l-eccezzjoni ta’ natura procedurali per necessita’ dejjem tkun trid tigi ttrattata qabel ma wiehed jidhol fil-mertu . Pero’ apparti din l-eccezzjoni fil-fehma taghha hemm ostakolu iehor importantissimu li jrid jigi sorvolat mill-attur, qabel ma l-Qorti tkun tista’ tittratta t-talbiet attrici., u cioe’ jekk kellux jedd l-attur jintavola din il-kawza, minkejja li ma kienx appella mis-sentenza attakkata . Kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed eccezzjonali fis-sistema guridika ta’ pajjizna, u ghalhekk irid jigi stabilit qabel xejn jekk l-attur odjern kellux okkazzjoni jitlob li l-allegati skorrettezzi fil-konfront tieghu setghux jissewwew mod iehor qabel ma ittenta l-proceduri prezenti .

L-artiklu 812 tal-Kap. 12 jistipula illi r-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat (appuntu bhal ma gara fil-kaz presenti), tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-artikolu 811 **basta li l-parti li tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell .**

Fil-kaz in ezami gia sar accenn ghall-fatti li l-attur minhabba fihom qed jitlob ir-ritrattazzjoni, u cioe' :

(i) illi allegatament jezistu ishma ohra ta' terzi li ma gewx ikkunsidrati la mil-perit tekniku fil-kawza attakkata u lanqas mill-Qorti li semghet u iddecidiet dik il-kawza ; u

(ii) illi l-attur kien ghamel benefikati fil-fond in kwistjoni li lanqas ma gew ikkalkolati meta saret il-valutazzjoni tieghu ghall-iskopijiet ta' divizjoni fl-istess kawza .

Irid ghalhekk jigi stabilit f'dan l-istadju tal-proceduri u qabel ma l-Qorti tkun tista' tghaddi ghal xi ezami ulterjuri, jekk dawn il-fatturi gewx a konoxxenza ta' l-attur wara li kien ghalaqlu z-zmien ta' l-appell li seta' jistitwixxi mis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza ikkontestata .

Irrizulta mill-provi prodotti, illi l-genituri tal-kontendenti fit-testment taghhom li permezz tieghu kienu hallew il-legat tal-fond in kwistjoni lill-attur akkont ta' sehmu, kienu ddikjaraw illi jista' jkun illi kien ghad hemm xi ishma mill-istess proprjeta' li huma kienu ghadhom ma akkwistawx u li ghalhekk ma kienux jappartjenu lilhom . Ma jista' jkun hemm ebda dubbju li l-kontendenti kollha kienu jafu bil-provvedimenti ta' dan it-testment meta saret il-kawza kontestata . Infatti dik il-kawza giet deciza appuntu fuq dak li kienu pprovdew il-genituri tal-kontendenti fit-testment taghhom, u kien ghalhekk illi l-Qorti fis-sentenza taghha f'dik il-kawza ddecidiet li l-attur odjern Ganni Attard kellu jigi immess fil-pussess tal-fond lilu legat bis-sahha ta' dak it-tesment .

Konferma ta' kemm l-attur kien jaf bil-kontenut tat-testment tal-genituri tieghu jaghtihielna huwa stess fid-deposizzjoni tieghu fil-kawza cit. 38/96 meta ammetta in kontro-ezami illi qabel ma kienet giet istitwita l-kawza kontestata huwa u hutu kienu inkarigaw lil-A.I.C. Emanuel Vella sabiex jghamlilhom stima tal-fond in kwistjoni ghall-iskopijiet ta' qasma, u kienu qablu li l-perit kellu jaghmel stima tal-fond kollu, minkejja li kienu jafu li seta' kien hemm xi pretensjonijiet fuq xi ishma li kienu jappartjenu liz-zijiet taghhom . Ikkonferma wkoll illi fl-istess okkazjoni lil hutu kien qalilhom li ma kienx ser ihallas tal-post kollu; u mbaghad izid jafferma, fi kliemu stess: "**<u>Ghedtilhom mela . Miktub, ahna rajna l-kuntratt, kollox rajna fuqu.</u>"** (ara xhieda attur a fol. 31 – 40).

Ma jistghax jghid ghalhekk l-attur li ma kienx jaf b'din is-sitwazzjoni qabel ma ghalaqlu z-zmien ta' l-appell mis-sentenza kontestata . Indubbjament gia kellu kull opportunita' jigbed l-attenzjoni tal-perit tekniku nominat f'dik il-kawza, ghall-pretensjoni tieghu li l-ishma tal-fond in divizjoni ma kienx jappartjenu 'in toto' lill-genituri tieghu . Anke wara li gie ppresentat ir-rapport tal-perit tekniku Ganni Attard rega' naqas li jirrileva dan lill-Qorti biex tkun hi mbaghad f'posizzjoni titratta dik il-pretensjoni ta' l-attur.

L-istess ghar-rigward tal-benefikati li jghid li ghamel l-attur fil-fond in kwistjoni kemm ilu joqghod go fih . Huwa jsemmi li biddel xi travu ta' l-injam u bena xi kamra . Huwa minnu li l-perit tekniku nominat fil-kawza kontestata ma jaghmel ebda referenza ghal xi benefikati maghmula mill-attur, imma certament ma jistghax jinghad illi l-attur ma kienx jaf b'dawn il-fatti jekk allegatament l-istess benefikati kien ghamilhom huwa nnifsu! Irrizulta anzi li l-attur kellu aktar minn okkazjoni wahda li jigbed l-attenzjoni tal-perit tekniku ghal dan il-fatt . Dana ghaliex wara li l-perit kien irrelata, fuq talba tal-konvenuti il-process gie rimess lilu billi rrizulta li ma kienitx giet stmata spiera ezistenti f'dan il-fond, u l-attur Ganni Attard lanqas f'din l-okkazjoni ma semma xejn dwar dawn il-benefikati .

Wiehed ma jistghax ma jikkonkludix ghalhekk illi l-attur naqas assolutament li jgib l-icken prova illi huwa gie a

konoxxenza tal-fatti illi minhabba fihom qed jitlob ir-ritrattazzjoni, wara li kien ghalaq iz-zmien ta' l-appell, u dana skond ma hu rikjest mill-artikolu 812 tal-Kap. 12 fuq imsemmi .

Il-Qrati taghna kellhom bosta okkazjonijiet fejn iddikjaraw li l-kawza ta' ritrattazzjoni ma hix speci ta' appell ulterjuri li l-ligi taghti, izda hija procedura eccezzjonali li ghandha tigi ammessa biss f'cirkostanzi eccezzjonali indikati fil-ligi u li d-disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu miftehma restrittivament . Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza : "Avukat Dr. Pio Valletta noe. vs. Joseph Tanti" (Vol. LXXVIII. II. 84)"

"….ir-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wiehed straordinarju, in kwantu jikkonstitwixxi deroga tal-principju li sentenza li ghaddiet f'gudikat ghandha l-forza ta' ligi bejn il-kontendenti . Ghalhekk dan ir-rimedju jista' jigi invokat fil-kazijiet specifici elenkati mill-ligi, li ghandhom jigu interpretati ristrettivament ."

Hekk ukoll insibu fil-Kollez. Vol. XXV. I. 137 illi :

"Non si puo' per qualunque caso di vero o supposta ingustizia di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tasattivamente stabiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stablita' del giudicato che solo puo' mettere fine alle liti, poiche' l'autorita' della cosa giudicata importa grandamente alla sicurezza civile."

Ghaldaqstant, gialadarba l-attur ma rnexxielhux lanqas jissupera l-ewwel ostakolu li timponi l-ligi sabiex tkun tista' tirnexxi t-talba tieghu, billi ma ressaq ebda prova konvincenti illi huwa sar jaf bil-fatti illi minhabba fihom qed jitlob ir-ritrattazzjoni, wara li kien skada l-perijodu ghall-appell mill-kawza kontestata, l-Qorti ma tistax taccetta t-talbiet tieghu kif maghmula fil-kawza presenti .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------